



Kumitat għall-Iżvilupp

2010/0310M (NLE)

23.5.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq
(2010/0310M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Paavo Väyrynen

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-impenn tal-UE li tipprova appoġġ aktar fit-tul lill-pajjiż u l-fatt li l-UE identifikat lill-Iraq bħala pajjiż pilota li fih għandha tiġi indirizzata u mħaddma aħjar ir-rabta bejn il-ħidma umanitarja u l-iżvilupp sabiex titrawwem tranżizzjoni mill-assistenza umanitarja għal rikostruzzjoni u stabilizzazzjoni aktar fit-tul; ifakkar li skont in-NU l-kriżi tal-Iraq hija emerġenza tat-tielet livell u li, bħalissa, 11-il miljun ruħ jeħtieġu assistenza; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, biex l-ewwel nett isaħħu l-isforzi tagħhom kollha biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi umanitarji u l-ħtiġijiet umani ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward ta' aktar minn tliet miljun persuna spostata internament;
2. Iħeġġeġ lill-UE tibqa' impenjata fil-qasam tal-assistenza ta' emerġenza fil-pajjiż, b'kont meħud li hemm aktar minn 3 miljun persuna spostata internament fil-pajjiż, li minnhom aktar minn 1,6 miljun persuna qed jgħixu f'kundizzjonijiet iġjeniċi u sanitarji terribbli; jisħaq ukoll fuq il-fatt li madwar nofs il-persuni spostati internament huma minuri u li, minn dawn, 600 000 ma ngħataw ebda forma ta' edukazzjoni;
3. Jenfasizza li l-faqar huwa mifrux fil-pajjiż u li minkejja li huwa pajjiż bi dħul medju superjuri, is-snin ta' vjolenza, kunflitt u settarjaniżmu dgħajfu b'mod konsiderevoli l-progress fl-iżvilupp; jistieden lill-UE tiffoka l-assistenza tagħha għall-iżvilupp, permezz ta' proġetti mmirati, fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli u l-aktar persuni fil-bżonn, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, iż-żgħażaġh, il-persuni spostati internament u r-refuġjati;
4. Jisħaq fuq il-punt li l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ġustizzja għadhom sfidi importanti u li l-Iraq huwa fost il-pajjiżi li kklassifikaw fl-aħħar pożizzjonijiet fl-indiċi dwar it-trasparenza; jinsisti li l-UE tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' riformi politiċi u ekonomiċi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija;
5. Jinsisti li t-tkabbir sostenibbli u inklużiv għandu jiġi appoġġat skont il-prijoritajiet nazzjonali tal-Iraq fil-qasam tal-iżvilupp;
6. Jinnota li l-proċessi soċjali u politiċi u d-dinamika fl-Iraq huma ddominati ħafna mill-irġiel u affettwati mill-influenza eċċessiva ta' mexxejja reliġjużi; jiddeplora l-fatt li dan sikwit jirriżulta fl-esklużjoni tan-nisa u tal-gruppi sekulari mill-interazzjonijiet soċjali;
7. Jemmen li, waqt it-tranżizzjoni mill-assistenza ta' emerġenza għall-iżvilupp, approċċ fit-tul, l-istabilizzazzjoni, riformi u titjib fl-oqsma tal-governanza tajba u l-obbligu ta' rendikont, l-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' ħilet, l-aċċess għal opportunitajiet ta' għajxien u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa u soċjali bażiċi huma oqsma ta' prijorità għall-assistenza għall-iżvilupp; jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' riformi li jtejbu l-bilanċ bejn is-sessi u r-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika tal-pajjiż; huwa ħerqan li jirċievi proposti konkreti dwar l-azzjonijiet previsti li jwieġbu għal dawn il-ħtiġijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprova evidenza tar-riżultati u l-impatti miksuba fil-qafas tal-

programm pluriennali indikattiv 2014-2017;

8. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija tal-Iraq biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-estrazzjoni u l-esportazzjoni ta' materja prima bħaż-żejt mhux maħdum, li ammonta għal 46,8 % tal-esportazzjonijiet tal-pajjiż fl-2016;
9. Jenfasizza li d-deterjorament tal-ambjent u l-infrastruttura, in-nixfa suċċessiva u d-deżertifikazzjoni kellhom impatt kbir fuq il-popolazzjonijiet rurali u żiedu l-insigurtà tal-ikel u n-nuqqas ta' ilma, b'mod partikolari għall-persuni spostati; jistieden lill-UE taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Iraq biex dawn tal-aħħar jibdew jużaw u jimmaniġġjaw b'mod aktar effiċjenti u ekwu r-riżorsi naturali;
10. Jinsab imħasseb dwar ir-rata għolja ta' tluq kmieni mill-iskola fost l-istudenti miż-żewġ sessi mill-iskejjel tal-Iraq (kif iddenunzjaw organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jgħidu li 60 % ta' dawk li kienu rreġistrati fl-2015 fl-iskejjel primarji m'għadhomx jattendu); jenfasizza li livelli għolja ta' litteriżmu huma kruċjali għall-kisba ta' paċi pożittiva f'żoni ta' kunflitt;
11. Jistieden lill-UE tippovdi programmi edukattivi dwar il-paċi u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u kampanji ta' diżarm biex tintemm il-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Iraq;
12. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni individwali tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tingħata spinta lill-armonija bejn il-komunitajiet u biex jiġi skoraġġit li l-milizzji jirreklutaw zghażaġh, li huma vulnerabbli għall-vjolenza jew l-estremiżmu;
13. Jissottolinja l-ħtieġa li l-atturi tal-media lokali jitħarrġu fil-ġurnaliżmu ta' paċi sabiex iħaddnu għarfien espert estensiv fi kwistjonijiet relatati mal-media u l-libertà ta' espressjoni;
14. Jinsisti li l-ġhotti tal-ġhajnuna umanitarja u l-assistenza għall-iżvilupp iridu jkunu bbażati fuq il-ħtieġijiet u ma jkunux partiġġani biex jappoġġaw proċess ta' stabilizzazzjoni u rikostruzzjoni effikaċi, inkluż ir-ritorn sikur f'darhom tal-minoritajiet reliġjużi u tal-gruppi etniċi; jenfasizza li l-atturi esterni, inkluża l-UE, iridu attivament jimmitigaw ir-riskju li l-assistenza tiġi strumentalizzata minn atturi politiċi domestiċi jew allokata b'mod li jiddiskrimina kontra gruppi speċifiċi jew li jipprivileġġahom;
15. Jitlob li l-UE tiżgura li l-fondi tagħha jiġu investiti fi proġetti li jgħinu lill-popolazzjoni tal-Iraq u li jingħata appoġġ adegwat lill-muniċipalitajiet fil-forniment tagħhom tas-servizzi essenzjali u fil-ħolqien ta' governanza lokali, sabiex tigarantixxi standards ta' ġhajxien bażiċi għall-popolazzjoni; jitlob, barra minn hekk, li l-UE tiżgura koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u l-muniċipalitajiet lokali sabiex tidentifika l-prijoritajiet fil-qasam tal-investment u biex iżżid l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob, b'mod partikolari, li tingħata prijorità lill-finanzjament għal proġetti li jappoġġaw atturi li jippromwovu r-responsabbiltà u l-bidla demokratika, u li jitrawwmu mekkaniżmi ta' dialoġu u ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-livell lokali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu liż-zghażaġh;

16. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li l-korruzzjoni fl-Iraq hija mifruxa u sseħħ f'livelli multipli, u li jidher li m'hemm ebda strateġija ċara kif tiġi trattata;
17. Jenfasizza li hemm perçezżjoni ta' nuqqas ta' ġustizzja u l-eżistenza ta' standards doppji fi ħdan is-sistema ġudizzjarja tal-Iraq; jinnota li l-istituzzjonijiet ġudizzjarji tal-Iraq ma jidhrux li qegħdin jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u kriminali oħra jitressqu l-qorti;
18. Jinnota li r-riforma tas-settur tas-sigurtà fl-Iraq hija sfida importanti li għandha tiġi appoġġata min-NU u mill-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir ħidma favur id-demobilizzazzjoni tal-milizzji u r-riintegrazzjoni tal-ġellieda bħala parti minn riforma tas-settur tas-sigurtà;
19. Jistieden lill-UE tipprovdi assistenza teknika msaħħa lill-awtoritajiet tal-Iraq għall-ġestjoni tajba tar-riżorsi naturali, għal ġbir tat-taxxa mtejjeb u għat-tnaqqis ta' flussi finanzjarji illeċiti, bl-għan li jiġi żgurat li l-Iraq ikun jista' jiffinanzja l-iżvilupp tiegħu b'mod domestiku għal perjodu medju u jnaqqas l-inugwaljanza preżenti fil-popolazzjoni u bejn ir-reġjuni tiegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-settur privat u l-investituri jingħataw pariri bl-għan li jissaħħu kemm is-sensittività għall-kunflitti kif ukoll il-kontribut tagħhom għat-tiswir tal-paċi u għall-iżvilupp sostenibbli;
20. Jitlob li l-UE tinvesti fl-irkupru u fl-iżvilupp tal-ekonomija lokali, b'mod partikolari billi żżid l-appoġġ għall-intraprenditorija, għall-SMEs u għat-taħriġ vokazzjonali, tippromwovi l-investment f'oqsma ta' prijorità bħall-enerġija u l-agrikoltura, u tinkoraġġixxi sħubijiet pubbliċi-privati; jemmen li l-ħolqien ta' ambjent pożittiv b'inċentivi għall-iżvilupp tas-settur privat mhux biss se jippermetti li jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh fil-pajjiż, iżda se jgħin ukoll biex joħloq opportunitajiet għall-persuni spostati internament u għar-rifuġjati fir-ritorn tagħhom ma' tmiem il-kunflitt;
21. Ifakkar li n-nisa u l-bniet huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-kunflitt u mill-estremiżmu, u li huma aktar vulnerabbli għall-vjolenza u għall-abbużi, fosthom il-vjolenza sesswali, it-tortura, it-traffikar tal-bnedmin, l-iskjavitù u ż-żwieġ tat-tfal; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi umanitarji u ta' żvilupp tan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari f'komunitajiet spostati; jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-emanċipazzjoni tan-nisa minkejja l-isforzi tagħha favur l-iżvilupp u tenfasizza r-rwol tan-nisa fl-irkupru u fit-tiswir tal-paċi fil-pajjiż;
22. Jistieden lill-UE ssaħħa id-djalogu tagħha mal-atturi tas-soċjetà ċivili tal-Iraq; jenfasizza li hemm bżonn approċċ sensitiv għall-ġeneru fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' rikostruzzjoni sabiex in-nisa jkunu inklużi b'mod effettiv;
23. Jissottolinja li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tridx tkun limitata għal azzjonijiet ripressivi, iżda għandha tkun konsistenti mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt internazzjonali, sabiex tiġi evitata radikalizzazzjoni ulterjuri jew imġedda; jistieden lill-atturi politiċi, tal-iżvilupp, tas-sigurtà u atturi soċjali oħra, biex janalizzaw u jindirizzaw bir-reqqa l-kawżi tar-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u r-reklutaġġ ta' terroristi b'mod koerenti;
24. Jinkoraġġixxi l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' diżarm, ta' demobilizzazzjoni u ta' riintegrazzjoni fl-Iraq;

25. Jistieden lill-UE timplimenta programmi li jippermettu lin-nies jipparteċipaw fil-proċessi lokali tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ssaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet;
26. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fl-agrikoltura fl-Iraq fid-dawl tal-potenzjal għoli okkupazzjonali tagħha u l-importanza tar-ripopolazzjoni taż-żoni rurali fejn aktar u aktar nies qed jabbandunaw dawn iż-żoni minħabba l-kunflitti.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq
Referenzi	2010/0310M(NLE)
Kumitat responsabbli	AFET
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Paavo Väyrynen 12.4.2018
Eżami fil-kumitat	24.4.2018
Data tal-adozzjoni	16.5.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano, Doru-Claudian Frunzulică, Charles Goerens, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Jean-Luc Schaffhauser, Elly Schlein, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Žovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

21	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Charles Goerens, Paavo Väyrynen
EFDD	Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano
ENF	Jean-Luc Schaffhauser
PPE	Andor Deli, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Cristian Dan Preda, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
S&D	Doru-Claudian Frunzulică, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Juan Fernando López Aguilar, Linda McAvan, Norbert Neuser, Elly Schlein
VERTS/ALE	Maria Heubuch

2	-
GUE/NGL	Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni